# *Is-Surmast VINCENZO CARUANA SPITERI*

M*itt sena ilu, sewwa sew fl-4 ta' Mejju 1896, twieled f'Ħal Luqa s-surmast Ċensu Caruana minn Ġużeppi u Karmena Spiteri. Kien bin il-faqar iżda il-ġenju tiegħu kien partikolari. Il-Bambin għoġbu jagħtih intelliġenza kbira.*

*Minn mindu kien għadu tfajjel ta' eta' ċkejkna, insibu li kien ferm inklinat għall-istudju. Dejjem l-ewwel fil-klassi. Wara li spiċċa l-iskola elementari u sekondarja, għamel l-eżami għal 'teacher' u ġie l-ewwel. Baqa' jistudja u ta eżami għal 'head teacher' u l-istess reġa' ġie l-ewwel, anzi ġie appuntat 'head teacher' mingħajr il-bżonn li jgħaddi kors l-Ingilterra kif kien meħtieġ dak iż-żmien. Ġie mibgħut jaqdi dmiru ta' 'head teacher 'fl-iskola ta' Sannat, Għawdex, fejn kien baqa' sakemm miet ħesrem. Bħala delizzju s-surmast Caruana għażel l-arti nobbli tal-mużika, li tagħha mhux biss kien surmast iżda wkoll kompożitur magħruf.*

*Beda jistudja l-mużika fi ħdan l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija ta' Ħal Luqa, u għadu żagħżugħ studja l-armonija u l-kontrapunt għand is-surmast Ġanni Abdilla. Tgħallem il-vjolin u l-pjanu għand is-surmast Antonio Pace li dak iż-żmien kien is-surmast ta' l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija ta' Ħal Luqa. Wara li għadda l-eżamijiet sar wieħed mill-vjolinisti u pjanisti magħrufa u ngħata l-kariga ta' 'Maestro di Cappella' f'diversi knejjes ta' Malta u Għawdex.*

*L-aktar li gawda mis-surmast Caruana kien dak ta' Sannat. Fost il-kompożizzjonijiet miktuba esklussivament għal dan ir-raħal ta' min isemmi l-Innu tat-Tridu tal-Festa ta' Sta. Margerita, ir-responsorji tal-matutin, is-salmi "Laudate Pueri" bis-sehem tal-kor, "Tantum Ergo" solo u tfal, l-antifona tal-Festa ta' Sta. Margerita, l-antifona tal-Festa ta' San Ġużepp, "Stabat Mater" u mhux anqas minn 32 melodija tal-litanija tal-Madonna. Fost il-kompożizzjonijiet profani nsibu sinfonija, valzi, marċi kif ukoll 'scherzo comico'. Dan is-surmast kien jgħallem ukoll il-kant lis-seminaristi ta' Għawdex u kien hu li pprepara l-Innu "Salva o Gozo" li tkanta fl-Ingress ta' l-Isqof M. Gonzi fis-sena 1924. Is-surmast Caruana kien ukoll surmast onorarju taż-żewġ baned tar-Rabat t'Għawdex u dejjem kien jagħti daqqa t'id f'dawk li huma akkademji, drammi u preżentazzjonijiet li kienu jsiru f'Għawdex.*

*Għal dan is-surmast Ħal Luqa dejjem baqa' raħal twelidu. Sa qabel sar surmast ta' Sannat kien l-organista tal-knisja ta' Ħal Luqa u ta' spiss kien jiġi minn Għawdex. Kull meta kien ikun ir-raħal dejjem kien jitla' jdoqq l-orgni u kull min kien jisma' l-orgni tal-knisja dak inhar jinduna li ġie s-surmast Ċensu minn Għawdex*

*avolja ma jkunux rawh.*

*Hekk kif is-surmast Caruana ma nesiex lil Ħal Luqa wisq anqas lill-każin tal-Banda Sant' Andrija fejn trabba u beda jitgħallem l-arti mużikali. L-imħabba tiegħu għal din is-soċjeta' ma naqset qatt. Fl-1917 irregala lill-Banda Sant' Andrija Innu Marċ biex jindaqq waqt li l-istatwa ta' Malta tkun tielgħa fuq il-kolonna tagħha. F'Marzu 1920 reġa' rregala lill- Banda Marcia Funebre "Ai Caduti della Patria" b'tifkira ta' dawk li tilfu ħajjithom fis-7 ta' Ġunju 1919. F'Jannar tal-1924 irregala wkoll innu "Stabat Mater Dolorosa" li jitkanta mit-tfal kull meta l-Banda Sant' Andrija tieħu sehem fil-Ġimgħa l-Kbira. Dawn il-kompożizzjonijiet is-soċjeta' tgħożżhom ħafna għax barra li huma ta' valur mużikali kbir huma wkoll wirt iben ta' din is-soċjeta'.*

*Is-surmast Caruana dam 12-il sena surmast ta' l-iskola tas-Sannat u nhar is-Sibt 4 ta' April 1932 meta kien għad kellu 35 sena biss il-minġel kiefer tal-mewt ħasdu ħabta u sabta minn fostna. Sarlu funeral kbir ġo Għawdex u f'wieħed mir-reġistri tal-mejtin, is-sur Wenzu Muscat li kien jieħu ħsieb dan ir-reġistru u li wkoll kien għalliem fl-istess skola fejn kien is-surmast Caruana, ħalla nota dwar il-funeral ta' dan is-surmast fejn kiteb - "F'jum il-funeral li kien wieħed importanti u solenni ħadu sehem it-tfal subien u bniet ta' l-iskola flimkien ma' l-għalliema tagħhom kif ukoll il-Banda La Stella u rappreżentanza mill-Baned San Andrea ta' Ħal Luqa u dik Leone. Is-surmast Gius. Giardini Vella li tant kien ħabib tas-surmast Caruana, għamillu gratis il-quddiesa bil-mużika 'praesente cadavere'. Il-fdal tiegħu ġie midfun fil-knisja ta' Sannat".*

*Għeluq ix-xahar tal-mewt tiegħu l-mużiċisti ħbiebu fakkruh b'quddiesa solenni funebri, mużika tiegħu nnifsu fil-Parroċċa ta' Ħal Luqa taħt id-direzzjoni tas-surmast Ħalluqi Salvu Azzopardi kollega u ħabib intimu tal-qatt minsi s-surmast Vincenzo Caruana Spiteri.*

*Tagħrif miġbur minn :* *Carmelo Baldacchino*
*President Onorarju*